# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM*
# U L-ISKOLA SEKONDARJA 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA STUDJI SOĊJALI (ĠENERALI) ĦIN: 1h 45 min**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

## Il-kandidati iridu jwieġbu kemm Taqsima A, Taqsima B u Taqsima Ċ

## A. Aqra din is-silta u wieġeb ĦAMSA minn tmien mistoqsijiet. It-tweġibiet iridu juru implikazzjonijiet soċjali diskussi fis-silta. Kull tweġiba għandha tkun madwar 50 kelma.

Meta nitkellmu dwar ***gender*** u ***gender issues*** inkunu qegħdin nitkellmu dwar kwistjonijiet u argumenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-irġiel u n-nisa u r-rwol tagħhom fis-soċjeta'.

Il-mod kif inħarsu lejn ***r-rwol***, d-drittijiet u d-dmirijiet tal-mara u tar-raġel ivarja minn pajjiż għal ieħor u minn soċjeta' għal oħra. Dan jiddependi mill-kultura. Għalkemm ninsabu fis-seklu wieħed u għoxrin, għadha teżisti diskriminazzjoni bejn iż-żewġ sessi f'kull aspett tal-ħajja u f'kull ***soċjeta'***. Għalkemm f'ħafna oqsma żied l-għarfien ta' l-importanza tal-mara baqa' ħafna xi jsir, fil-qasam ekonomiku u f'dak ta' ***stratifikazzjoni*** fis-soċjeta'. F'ċertu pajjiżi bdiet tintuża s-sistema ta' ***diskriminazzjoni pożittiva*** fejn jidħlu n-nisa.

L-edukazzjoni fl-iskejjel għandha tgħin biex naslu għal soċjeta' aktar ugwali fejn jidħlu n-nisa u l-irġiel u nibdlu l-mod kif inħarsu aħna u t-tfal tagħna lejn in-nisa u l-irġiel. L-***ugwaljanza*** bejn is-sessi ghandha ssir ***valur soċjali*** fiha nnifisha.

Ref: *Understanding Social Studies*

**Wieġeb ħamsa minn tmien mistoqsijiet**

1. Agħti tifsira ta' **ħamsa** minn dawn il-kliem

| | | |
|---|---|---|
| a. "gender issues" | b. rwol | ċ. soċjeta' |
| d. diskriminazzjoni pożittiva | e. stratifikazzjoni | f. valur soċjali |
| ġ. ugwaljanza | | |

2. Spjega s-sentenza "F'ċertu pajjiżi bdiet tintuża s-sistema ta' diskriminazzjoni pożittiva fejn jidħlu n-nisa" billi tagħti eżempji biex issaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

3. Spjega kif il-kultura taffettwa r-rwoli tal-mara u r-raġel, billi tagħti eżempji.

4. X'tipi ta' diskriminazzjoni bejn il-mara u r-raġel għadhom jeżistu fis-soċjeta' Maltija?

5. Xi jrid isir fil-qasam edukattiv biex nibdew inrawmu sens ta' ugwaljanza bejn is-sessi?

6. Spjega is-sentenza "Għalkemm f'ħafna oqsma żied l-għarfien ta' l-importanza tal-mara baqa' ħafna xi jsir fil-qasam ekonomiku u f'dak ta' stratifikazzjoni fis-soċjeta'."

7. Il-kwistjoni tal-ġendru (*gender*) saret importanti llum il-ġurnata. X'wassal għal dan l-għarfien?

8. Xi żviluppi saru favur ir-rwol tal-mara fis-soċjeta'? Taħseb li l-għaqdiet favur il-mara qed jgħinu f'dan il-qasam? Agħti l-kummenti tiegħek.

**Ħames marki kull tweġiba**
**TOTAL 25 marka**

## B. Ħares lejn dawn il-figuri u wieġeb.

### IT-TQASSIM TAL-ĠID FID-DINJA

Il-Pajjiżi li għadhom qegħdin jiżviluppaw għandhom 75% tal-popolazzjoni dinjija, imma jużaw biss:

| | |
|---|---|
| 15% | tal-konsum ta' l-enerġija tad-dinja |
| 30% | ta' l-ikel tad-dinja |
| 11% | mill-infiq fuq l-edukazzjoni |
| 6% | mill-infiq fuq is-saħħa |
| 5% | mill-infiq fix-xjenza u t-teknoloġija |

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. X'differenza tgħaddi bejn pajjiżi li qed jiżviluppaw u pajjiżi żviluppati?
2. Ħares lejn il-figuri u agħti l-kummenti tiegħek.
3. X'jistgħu jagħmlu l-pajjiżi żviluppati biex jtaffu mill-problemi li għandhom il-pajjiżi li qed jiżviluppaw?
4. Nafu li l-kummerċ ġust rnexxa f'ħafna pajjiżi. Ikteb x'taf fuqu u għaliex qed jagħmel suċċess?
5. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw nafu li kollha għandhom ħafna dejn. X'inhuma l-kawżi ta' dan id-dejn? X'jista' jsir biex jittaffa dan id-dejn internazzjonali?

**Ħames marki kull tweġiba**
**TOTAL 25 marka**

## Ċ. Agħżel tnejn minn dawn u ikteb fit-tul

1. Kif tista' s-soċjeta' turi solidarjeta' ma' min iwettaq mġiba devjanti?
2. Kif nistgħu nintegraw aħjar n-nies bi bżonnijiet speċjali fis-soċjeta'?
3. X'effetti għandha l-globalizzazzjoni fuq l-ekonomija dinjija?
4. Il-mara għandha sehem importanti fis-soċjeta'. Uri b'mod ċar l-iżvilupp li seħħ matul iż-żminijiet biex is-sehem tal-mara sar aktar rikonoxxut.

**25 marka kull tweġiba**
**TOTAL 50 marka**